MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 219/2002

Il-Pulizija
(Spettur D. Saliba)
Vs

Louis sive Horace Cassar

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
a) Mill-Marsa nhar it-18 ta' Gunju, 1999, filghodu ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Triumph Herald bin-numru tar-registrazzjoni JAO 895 li hija stmata li tiswa aktar minn LM100 izda anqas minn LM1,000 u dan ghad-dannu ta' Emanuel Vassallo minn Hal-Luqa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa;
b) Fit-18 ta' Gunju, 1999 fi Triq Mater Boni Consigli, Rahal Gdid ghall-habta tal-11.00 a.m. ikkommetta serq ta'

portmoni b'xi flus kontanti w dokumenti w oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Matilde Tabone, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza peress li l-imsemmija Matilde Tabone hija persuna li ghalqet l-eta' ta' 65 sena, u dan ai termini tal-artikolu 275 tal-Kodici Kriminali, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fit-18 ta' Gunju, 1999, f'Ta' Qali ghall-habta tas-1.00 p.m. flimkien ma persuna ohra, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' serq ta' handbag minn fuq persuna jew persuni wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt,  liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w independenti mill-volonta' tieghu;
d) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
e) Huwa recediv b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi bid-data tad-19.7.79 (Guri), fit-13.11.80 Qorti tal-Appell, 26.1.81 (Guri), 4.2.94 mill-Qorti tal-Appell, 22.10.96 Awla 7, kif ukoll talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Mag. Dr. M. Hayman) nhar it-3.7.98.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Settembru 2002, li biha wara li rat l-Artikoli 31, 41, 261 (a), 261 (b), 261 (c), 261 (g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 271, 275, 276, 276 (a), 277, 278, 279, 280, tal-Kap 9 sabet lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal tlett snin prigunerija, w illiberatu mir-raba imputazzjoni.

Il-Qorti ordnat, wara li rat ukoll l-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9, illi s-sentenza sospiza moghtija, tal-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Lulju, 1998 fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur David Saliba) kontra Louis sive Horace Cassar u Brian Muscat ghandha tigi fis-sehh fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 t'Ottubru, 2002 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermha fil-parti fejn

sabet htija, tvarjha f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena w dan taht dawk il-provvedimenti kollha xierqa w opportuni.

Rat illi l-aggravji tal-appellant li huma limitati ghall-piena nflitta mill-Ewwel Qorti , jikkonsistu fil-qosor fis-segwenti :- li din il-piena kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u li l-Qorti ghamlet apprezzament approfondit biex tiggustifika l-impozizzjoni tal-piena karcerarja filwaqt li issorvolat ghal kollox dak kollu li jimmilita favur l-ghoti ta’ cans iehor lill-appellant u fil-waqt li gew citati sentenzi tal-Qorti tal-Appell ma gewx citati ohrajn fejn gie ritenut li l-appellant kellu jinghata cans iehor biex jirriforma ruhu. Li s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali w tal-Qorti tal-Magistrati kienu jirrigwardaw akkuzi tal-istess natura bhal dawk migjuba quddiem l-Ewwel Qorti w l-incidenti sehhew lkoll f’periodu komplessiv ta’ inqas minn tmin xhur precizament fiz-zmien li l-appellant kien mirkub mill-vizzju tad-droga; Dan il-fatt juri li gew applikati “two weights and two measures” fil-konfront tieghu. Li fil-waqt li l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha quddiemha kaz ta’ cans jew tama li l-appellant ibiddel hajtu , l-Ewwel Qorti kellha quddiema lill-appellant li fil-fatt kien hataf ic-cans lilu moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali w kien fil-fatt biddel hajtu . Imma l-Ewwwel Qorti donnha dehret li ma emmnitx li l-appellant kien biddel hajtu . Li s-sentenza appellata nghatat biss xahar u nofs wara sentenza ohra fuq akkuzi identici kontra l-appellant moghtija mill-Qorti tal-Magistrati li segwiet it-trattament li kienet tat lill-appellant il-Qorti tal-Appell Kriminali izda xorta wahda l-Ewwel Qorti ma tatx ragunijiet ghaliex ma kienetx ser tibqa’ in linea ma dak deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali ; Li kien ikun aktar gust li jigu applikati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28B 2 (a) tal-Kap.9 minnflok l-0rdni tal-Ewwel Qorti sabiex is-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta’ Lulju, 1998 tigi fis-sehh.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Ezaminat il-kondotta aggornata esebita mill-Prosekuzzjoni bin-nota taghha tat-18 ta’ Novembru, 2002;

Semghet l-Abbli Difensur u l-Abbli Prosekutur fil-kors tas-seduta tas-6 ta' Novembru, 2002 ;

Rat in-Nota tal-appellant tal-11 ta' Novembru, 2002 flimkien mal-kopji tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-25 ta' Settembru, 2001 u dik tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 t' Awwissu, 2002;

Ikkonsidrat :-

Illi dan hu appell mill-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata . Illi din il-Qorti dejjem irriteniet li hi m'ghandhix ghal xejn b'xejn tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti w tirriforma l-piena sakemm din ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi jew inkella sakemm ma tkunx wahda manifestament eccessiva. Dan ghaliex l-ewwel Qorti tkun ghexet il-process kollu w jkollha ferm aktar opportunita' li tizen il-karattru tal-akkuzat li jkun normalment ghamel xhur shah jekk mhux snin jidher quddiemha tul il-perjkors tal-kumpilazzjoni w trattazzjoni w allura ndubbjament tkun f'pozizzjoni ahjar biex tifhem u tizen l-ahjar piena addatata skond il-kaz.

Illi l-aggravji tal-appellant pincipalment iduru mal-fatt li l-appellant - li ma jippruvax jostor il-hajja refrattarja tieghu - gie trattat minn Qrati ohra , inkluz din il-Qorti diversament preseduta, b'certu mod mentri gie trattat mill-Ewwel Qorti b'mod aktar sever ghal reati tal-istess xorta, kommessi piu' o meno fl-istess epoka .
Illi l-ewwel nett din il-Qorti fliet ir-ragunamenti w motivazzjonijiet dettaljati kontenuti fis-sentenza tal-Ewwel Qorti li wassluha biex timponi sentenza ta' habs u ma ssib xejn x'ticcensdura f'dawk il-motivazzjonijiet. L-Ewwel Qorti , di fatti , ghaddiet in rassenja il-karriera kriminali mzewwqa tal-appellant li jidher li ilu attiv fis-serq ta' vetturi u ta' basktijiet minnghand persuni ghall-mill-inqas dawn l-ahhar tlieta w ghoxrin sena . Di fatti kien fid-19 ta' Lulju, 1979 meta gie misjub hati ghall-ewwel darba mill-Qrati ta' sensiela ta' serq ta' din ix-xorta w dak in-nhar il-Qorti lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor . Dan izda jidher li ma sewa ghal xejn ghax proprju ftit xhur wara li

nghata din il-liberazzjoni kondizzjonata , hu rega kkommetta sensiela ta’ serq ta’karozzi w din id-darba gie sentenzjat ghal piena ta’ seba xhur prigunerija . Umbaghad fis-26 ta’ Jannar, 198l , gie mibghut sena habs fuq ksur ta’ probation. Anki dan ma sewa’ ghal xejn ghax fl-4 ta’ Frar, 1994 rega gie misjub hati ta’ serq ta’karozzi w sensiela ohra ta’ serq ta’ basktijiet u inbaghat tlitt snin habs.

L-agir refrattarju tal-appellant pero’ xorta ma waqafx hawn ghax rega kkommetta serq aggravat bil-vjolenza w nstab hati ta’ dan fit-22 t’ Ottubru, 1996 , pero’ din id-darba l-Qorti deherilha li kellha tapplika il-provvediment ta’ ta’ sentejn habs sospizi . Umbaghad fit-3 ta’ Lulju, 1998 , rega nstab hati ta’ serq u hsarat volontarji w rega nghata 22 xahar habs sospizi . Umbaghad fil-25 ta’ Settembru, 2001 , meta rega instab hati ta’ serq ta’ vettura gie impoggi taht “probation” u l-istess ghall-sensiela ohra ta’ serq ta’ basktijiet rega inghata il-”probation” b’sentenza tas-7 t’ Awwissu, 2002.

Illi fid-dawl ta’ din it-retroxena w fid-dawl tat-tip ta‘ serq kommess f‘dan il-kaz fuq persuna anzjana addirittura ghamja , l-Ewwel Qorti deherilha , kif kellha kull dritt li jidhrilha , li l-appellant ghall-kaz quddiem din il-Qorti ma kellux jinghata aktar opportunitajiet mill-Qorti w li ried ihallas il-kont tieghu mas-socjeta‘ w l-membri l-aktar vulnerabbli taghha. Din il-Qorti ma ssib xejn x’ ticcensura f’dar-rigward fis-sentenza appellata.

Jekk l-appellant , li minkejja li kien inghata opportunita’ l-ewwel darba li habat difrejh mall-ligi, ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena jew aktar baqa’ jippersisti fl-agir tieghu w sahansitra minnhabba f’hekk gie kundannat il-habs f’diversi okkazzjonijiet ghall-reati tal-istess xorta, u minkejja li kellu l-fortuna li b’dana kollu f’certu periodu jerga’ jibda’ jinghata l-beneficcju ta’ sentenzi sospizi w tal-probation , dan ma jaghtih ebda mmunita’ perenni biex kull darba li jinqabad u jigi misjub hati , jissoleva l-fatt li xi Qrati urew klemenza mieghu aktar minn ohrajn.

Illi din il-Qorti tifhem li l-provvedimenti tal-liberta' kondizzjonata kontemplata fl-art. 9 tal-Kap. 152 u tal-"probation" kontemplata taht l-art. 5 tal-istess Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta , kif ukoll dawk tas-"suspended sentence" introdotti bl-emendi ghall-Kodici Kriminali fl-artikoli 28A et. seq. huma normalment intizi ghall-nies li jkunu "first offenders" u ghad hemm tama li jigu rkuprati mis-socjeta' u mhux f'kazijiet ta' persuni li jkunu inghataw opportunita' jew addirittura aktar minn' opportunita' wahda biex jaghmlu dan u xorta wahda ma juzufruwixxux minnha , jew li addirittura jkunu gja ntbaghtu l-habs f'certi kazijiet aktar minn darba , bhal fil-kaz in ezami.

Dan l-aggravju tal-appellant aktar milli jinduci lil din il-Qorti biex tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti forsi aktar iservi biex jissotlineja l-preokkupazzjoni tas-socjeta' in generali w tal-gudikatura dwar l-assenza ta' "sentencing policy" fil-Qrati Taghna , bir-rizultati skoncertanti li fil-waqt li certi delitti qed jigbdu l-kastigi li jimmerithom skond il-ligi, delitti ohra qed imorru kwazi mpuniti jew trattatati b'certa leggerezza , anki fil-konfront tal-istess akkuzati li jigu gudikati minn gudikanti w minn Qrati differenti .

Illi din il-Qorti f'dan l-Appell mhux imsejjha biex taghti gudizzju fuq is-sentenzi citati mill-abbli difensur tal-appellant , imma biss biex tara jekk is-sentenza appellata ghandhiex issofri varjazzjoni dwar il-piena. Ghalhekk la trid u lanqas tista' tesprimi gudizzju fuq is-sentenzi fejn l-appellant li kien recidiv ghal aktar minn darba w sahansitra sentenzjat ghall-habs ghall-aktar minn darba , rega beda' jinghata l-probation u sentenzi sospizi f' certu periodu . Dawk il-Qrati li mxew hekk mall-appellant deherilhom li ghandhom jaghtu fiducja lill-appellant . L-Ewwel Qorti pero' fic-cirkostanzi kellha kull dritt li ma tkunx ispirata bl-istess sens ta' fiducja fl-appellant u li kellha ghalhekk tapplika l-piena tal-prigunerija bhala dik indikata. Din il-Qorti , tenut kont tal-iter kriminali tal-appellant , ma thossx li ghandha tindahal f'din id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti minhabba l-aggravju principali tal-appellant li jitlob paragun bejn is-sentenza appellata w sentenzi ohra ta' Qrati ohra.

Illi dwar l-aggravju dwar l-ordni moghti mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata sabiex is-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-3 ta' Lulju, 1998 tibda ssehh , ghalkemm din hi kwistjoni ta' diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti li normalment din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax , fil-kaz in ezami zviluppaw cirkostanzi mis-sentenza appellata 'l hawn li jostaw ghall-implimentazzjoni ta' din l-Ordni. Di fatti, b' sentenza ohra tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fil-konfront tal-appellant odjern fl-24 ta' Lulju, 2002 , wara li l-appellant odjern instab hati ta' diversi reati punibbli bil-prigunerija w dana tul il-perkors tas-sentenza sospiza moghtija fit-3 ta' Lulju, 1998 , dik il-Qorti diversament preseduta barra milli ssentenzjat lill-appellant odjern ghal tlitt xhur prigunerija, kienet ukoll ordnat li s-sentenza sospiza tat-3 ta' Lulju, 1998 tibda ssehh . Hu veru ukoll li din is-sentenza ma ghaddietx in gudikat ghax giet appellata w ghalhekk l-Ewwel Qorti, dak in-nhar li inghatat is-sentenza appellata, ma kienetx prekluza milli taghmel l-ordni biex l-istess sentenza sospiza tibda' ssehh . Pero' illum il-pozizzjoni hija differenti ghax dak l-appell (numru 184/2002 JGD) gie proprju deciz definittivament fis-seduta tal-lum. Ghalhekk issa tezisti proprju s-sitwazzjoni prospettata fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet : "Ivan Fenech vs. Avukat Generali" tal-4 t' Awwissu, 1999 , ampjament riprodotta fil-parti rilevanti fis-sentenza l-ohra tal-lum stess . Pero' ikun utili li f'dis-sentenza jigi biss citat il-bran segwenti li hu l-aktar rilevanti f' dan il-kaz u cioe' :-

"....una volta attivata s-sentenza sospiza minhabba li jkun gie kommess reat punibbli

bi prigunerija fil-periodu operattiv taghha, l-istorja tieqaf hemm , anki jekk jirrizulta li fl-

istess periodu operattiv gew kommessi vjolazzjonijiet konsistenti f'reati ohra punibbli

bi prigunerija . Igifieri una volta stabilit il-ksur, una volta stabilit li gie kommess reat iehor punibbli bi prigunerija fil-kors tal-periodu operattiv tal-ordni tas-sentenza sospiza , jekk minhabba f'hekk dik is-sentenza sospiza tigi attivata, certament m'huwiex il-kaz li

f'kazijiet sussegwenti fejn ic-cirkostanzi huma simili , cioe' fejn jirrizulta ksur tal-istess sentenza sospiza , jerga jigi riattivat dak li fil-fatt huwa diga attivat ..”

Ghalhekk peress li bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Lulju, 2002, li giet konfermata “in toto” minn din il-Qorti fis-seduta tal-lum f' appell iehor tal-appellant odjern, u li ordnat li s-sentenza sospiza tat-3 ta' Lulju, 1998 , tidhol fis-sehh , mhux aktar possibbli li dak li ordnat is-sentenza appellata jibqa' jsehh , ghax inkella s-sentenza sospiza tkun qed tigi riattivata darbtejn , haga li ovvjament mhux possibbli la logikament u inqas u inqas legalment .

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi milqugh limitatament , billi s-sentenza appellata qed tigi riformata , b'dana li qed tigi revokata biss in kwantu ordnat li s-sentenza sospiza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Lulju, 1998 , kellha tibda ssehh , u minnflok tiddikjara li dan issa m'ghadux possibbli in vista tal-fatt li ordni simili tal-istess Qorti diversament preseduta gie konfermat definittivament b'sentenza ohra ta' din il-Qorti tal-lum stess kif fuq intqal , u b'dana li qed tigi konfermata ghar-rigward tal-kumplament kollu tal-istess sentenza .

--------------------------------TMIEM--------------------------------